MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1881/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Bonavia Anthony**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm226.44) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01764 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Jannar, 2003;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet**

**sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Novembru, 2003, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm226.44) bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2003, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------